MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 75/2012

**A B**

**vs**

**C D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha (9) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija wiehed u sebghin (1971) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal li illum huma maggorenni;

Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta’ separazzjoni in forza ta’ Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Prim’Awla) datat il-hdax (11) ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija tmienja u tmenin (1988);

Illi l-partijiet ilhom erbgha u ghoxrin (24) sena ma jghixux flimkien u legalment separati;

Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minhabba li ilhom erbgha u ghoxrin sena ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok. B, klawsoli 5 u 6) l-obbligu ta' hlas ta' manteniment da parti tar-ragel a favur tat-tfal, dak iz-zmien minuri u tal-mara dejjem gie pjenament sodisfatt. Prezentement qieghed jigu mhallas il-manteniment versu l-intimata, liema manteniment dejjem gie mhallas tlett xhur bil-quddiem;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata illi permezz taghha eccepiet:

Illi t-talbiet tar-rikorrent m'ghandhomx jigu akkolti f'dan l-istadju peress li l-process legali introdott bl-Att XIV tal-2011 ghadu mhux kompletat senjatament ghadhom ma sehhewx l-ammendi kkontemplati bl-Artikolu 11 tal-istess Att li pprovda ghat-twaqqif ta' Kumitat li kellu jezamina l-ammendi bzonnjuzi sabiex l-ordinament guridiku attwali jigi addattat ghall-introduzzjoni tad-divorzju f'Malta. Kulhadd jifhem li ser isehhu ammendi fil-ligi tal-pensjonijiet.

Illi dan l-ezercizzju ghadu ma sehhx peress li l-ammendi necessarji kellhom jigu intavolati fil-Parlament sat-30 ta'

Gunju 2012 u ghalhekk, minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili ta' Malta, hi mhiex f'posizzjoni li tirregola ruhha dwar l-effetti legali tat-talba tar-rikorrent, minhabba li s-sitwazzjoni legali hija rrisolta u prekarja.

L-istess disposizzjoni 11 fuq premess jikkontempla sahansitra ammendi b'effetti retroattivi salv drittijiet kwesiti. Partikolarment f'dak li jikkonferna il-jeddijiet ghall-pensjoni ta' zewgha u ghall *survivor's pension*, ghad ma hemm xejn.

Illi f'dan il-kaz tissottometti bir-rispett li ma tistax tirregola s-sitwazzjoni legali taghha qabel mal-qafas legali kollu jkun determinat u mhux incert.

Illi s-sitwazzjoni ta' nisa mizzewgin hu ferm differenti ghas-sitwazzjoni ta' persuni li jizzewgu lill-persuna divorzjata ghalhiex huma jistghu jirregolaw il-posizzjoni taghhom *ad futuram.* Jafu ghal xiex inhuma dehlin u jistghu jipprovdu u jirregolaw ruhhom rigward l-eventwali drittijiet taghhom ghall-penzjoni anke permezz ta' mekkanismi u investimenti ohra. Fil-kaz taghha, jekk din it-talba tkun akkolta, hi tkun gja divorzjata meta jidhlu fis-sehh l-ammendi u jkun tard wisq biex tirregola ruhha skont il-kaz.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jew tiddiferixxi r-rikors *sine die* appuntabbli wara li jidhlu fis-sehh l-ammendi li ghandhom jigu ntrodotti in segwitu ghal-artikolu 11 tal-Kap. 16 ta' tal-Ligijiet ta' Malta jew tigi differita ghall-data ulterjuri fit-tul bizzejjed sabiex l-ammendi jilhqu jidhlu fis-sehh u l-partijiet ikunu nformati dwar l-effetti tad-divorzju fuq il-kap tal-pensjonijiet.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta’ Ottubru 1988;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi huwa dejjem hallas il-manteniment dovut lill-intimata u illi illum il-gurnata ulied il-partijiet huma maggorenni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------